# L-Orgni l-Kbir għall-Bażilika ta' Kristu Re

William Mark Camilleri



### L-Orgni tas-sfafar

Dan it-tip ta' orgni hu msejjaħ bħala "Ir-Re tal-istrumenti", u jissejjaħ hekk minħabba li ilhom jeżistu għal ħafna snin u li ħadd ma ħadlu postu matul iż-żmien f'dak li hi strumenti. Dan it-tip ta' orgni ilu magħna għal madwar 2400 sena. Kien fi żmien il-Griegi u r-Rumani meta bdew jidhru orgnijiet tal-ilma, imsejħa bħala "Hydraulis"

### Hydraulis

Dan huwa strument Grieg maħluq minn Ctesibius ta' Lixandra. Kien jikkonsisti f'kontenitur tal-arja li tiddaħħal ġo ċisterna tal-ilma. L-arja tiġi imbutta f'ġibjun tal-ilma b'pompi tal-idejn u toħroġ mill-ġibjun bħal arja taħt pressjoni u jgħaddu minn pajpijiet. Il-ġibjun ikun miftuħ mill-qiegħ u b'hekk jippermetti lill-ilma jżomm il-pressjoni fuq l-arja u hekk meta toħroġ tvarja mill-pompi li jinbuttaw jew jippresaw l-arja l-ġewwa u hekk il-pajpijiet iħallu l-arja toħroġ. Dan l-orgni tal-ilma kien l-ewwel tip ta' orgni tas-sfafar fi żmien il-Griegi u Rumani.



*Mużiċisti jdoqqu t-trumbetta u orgni tal-ilma (Dettall: mużajk ta' Zliten, 2 seklu WK)*

Illum l-orgnijiet tas-sfafar kollha jkollom affarijiet komuni iżda għalkemm kollha għandom l-istess funzjoni ma hemmx orgni li hu l-istess bħal ieħor. Kull orgni hu differenti minn xilxin, irrid ikun strument uniku, mhux bħal orgnijiet elettronici li joħorġu l-istess, imma kull wieħed hu differenti. Irrid ikun strument uniku li jrid ikun imfassal tajjeb skont il-ħtieġa tal-post. Il-post irrid ikun jaqbel mal-istrument li jinħadem jew jinxtara. Ma setgħax jonqos li jsir l-istess biex jiġi magħżul orgni għal Bażilika tagħna. Fil-Liturġija hija importanti ħafna l-Mużika, anzi



*Il-Knisja tat-Trinità Qaddisa ġewwa Sunderland minfejn ingħġab l-Orgni*



*L-Orgni kif kien armat ġewwa Sunderland.*

ma hemmx Liturġija sħiħa jekk ma jkollokx Mużika Sagra.

L-Orgni dejjem kellu prominenza kbira fil-Knejjes, speċjalment dak li hu msejjaħ bħala l-Orgni tas-sfafar. Il-vantaġġ li għandu dan it-tip ta' orgni hu li jimita ilħna ta' diversi strumenti mużikali li jkunu jistgħu jindaqqu f'armonija waħda.

Il-Parroċċa minn dejjem kienet ix-xewqa, li issa wara li tlestiet il-gallarija, tkun armata tajjeb bi sfafar għal orgni. Ftit xhur ilu l-Parroċċa ssottomettiet għall-approvazzjoni tal-Awtoritjiet tal-Knisja biex dan il-proġett ambizzjuż ikun jista' jseħħ ... proġett ieħor kbir, ta' orgni ta' sfafar mekkanizzat.

Instab li fi Knisja Parrokkjali ddedikata lit-Trinità Mqaddsa ġewwa East End Sunderland, l-Ingilterra kien hemm orgni tas-sfafar li kien iżarma u l-Parroċċa tagħna tħajret li takkwistah biex jiġi armat fil-Bażilika tagħna.

Dan l-Orgni nħadem fis-snin 1826/27 għalhekk għandu valur storiku, b'hekk aħna nkunu qed insalvaw dan l-orgni. Il-Komunità ta' Sunderland li għaliha kien inħadem dan l-Orgni ma setgħatx tlaħħaq mal-ispiża ta' manutenzjoni u restawr għalih.

Kellna x-xorti kbira li rnexxielna nsibu orgni Ingliż ta' kwalità tajba bi 3 tastieri. Dan l-orgni li nġab mill-Knisja tat-Trinità Qaddisa f'Sunderland kien reġa' ġie mibni mill-ġdid mill-fabbrika Nelson and Co. Fl-1937, għad fih elementi Ġorġjani ta' strument antik maħdum minn John Davies lura għaż-żmien ir-Re William IV. Dan l-istrument irrid jiġi restawrat biex jitpoġġa fil-gallarija l-kbira u wkoll fil-gallarija fuq in-naħa ta' Triq il-Knisja.

Meta jkollok orgni tal-elettriku jista' jservik sa 25 sena, iżda orgnijiet mekkanizzati jekk tieħu ħsiebu kemm f'tiswija u manutenzjoni jista' jservik għal ħafna snin, fil-fatt f'Malta hawn orgnijiet tas-sfafar li ilhom mijiet ta'snin. Minħabba li l-Bażilika tagħna hija kbira u għolja ma dan l-orgni ta' Sunderland ser jiżdiedu elementi minn orgniieħor tad-ditta

Mascioni biex il-ħoss ikun kbir biżżejjed li jinstema tajjeb minn kullimkien. L-Orgni sħiħ ser ikun armat b'aktar minn 2500 kanna. Biex il-ħoss ikun imqassam tajjeb u li jinstema, il-kannen ser ikunu mqassmin fuq tliet gallariji. Sett fil-gallarija prinċipali li hemm fuq il-Bieb Maġġur u oħrajn maqsumin fuq iż-żewġ gallarijiet li hemm fil-kappelluni tal-ġnub.

Biex stajna nibdew għal dan il-proġett kbir, ħadna l-parir ta' ħafna esperti fuq dan il-ġeneru, speċjalment minn Dr. Christopher Kent, tal-Accociation of Independent Organ Advisors. Insemmu wkoll lil Giuseppe Mastrovalerio li hu l-organju responsabbli minn dan ix-xogħol.



*L-Organista s-Sur Jurgen Grima jitkellem dwar l-importanza li l-Bażilika jkollha l-Orgni*

Kien fit-18 ta' April meta l-Kappillan Dun Marc Andre Camilleri ħabbar li dan il-proġett mhux ser jibqa xewqa imma li ser iseħħ. L-Organista Jurgen Grima tkellem dwar l-importanza tal-mużika fil-Liturġija u li nħasset il-ħtieġa li Bażilika dak il-kobor ikun jixraq orgni mekkanizat, Orgni tas-Sfafar. Kien aħbar sabiħa ħafna u mixtieqa. L-Organista Jurgen Grima ilu jdoqq l-orgni mill-1998 f'diverti knejjes u daqq għal ewwel darba fil-Knisja tagħna fil-21 ta' Awwissu 2016. Hu jakkumpanja l-korijiet u l-kleru matul is-sena kollha.

Nhar il-24 ta' April l-Orgni beda t-triq tiegħu ..... tgħabba minn Sunderland u beda triqtu lejn Raħal Ġdid, li ser tkun id-dar il-ġdida tiegħu. Mill-Ingilterra mar l-Italja u vjaġġa fuq l-art minn fuq sa' isfel. Sakemm minn Sqallija beda l-vjaġġ tal-aħħar lejn Malta.

Kien fis-7 ta' Mejju wasal Malta bil-baħar minn Sqallija u nhar l-10 ta' Mejju filgħodu wasal Raħal Ġdid f'Kontejner. Is-Sur Mark Anthony Ferris kien il-persuna li ħa ħsieb li jġib l-Orgni lejn Malta u s-Sur Kurt Cini li saq il-kontejner.




*It-Triq li mill-Ingilterra wasal l-Orgni*

## Minkejja l-Covid/19 ...

Minkejja li qed ngħixu fi żmien diffiċli, diffikultajiet kbar li ġab il-Covid/19, ix-xogħol fil-Bażilika ma qatgħax lura, anzi saru u qed issiru proġetti kbar. Wieħed mill-akbar proġetti huwa dan l-orgni li barra li ser isebbaħ it-Tempju estetikament, isebbaħ ukoll il-funzjonijiet b'leħnu. Bhalissa l-partijiet tal-orgni qedgħin fostna u beda r-restawr bżonjuż. L-orgni fil-Bażilika tagħna ser ikun maqsum fuq tliet partijiet li huma l-gallarija prinċipali tan-nofs u partijiet oħra fiż-żewġ gallarijiet tal-ġnub.

Fil-gallarija l-kbira fuq il-bieb maġġur ser ikollha fuqha l-akbar parti mill-istrumenti kollha, dan hu l-Orgni Ingliż li wasal minn

Sunderland fir-Renju Unit. Biex dan l-Orgni wasal Raħal Ġdid kellu vjaġġ ta' 2000 mil bl-art sa Sqallija, imbgħad minn hemm bil-baħar sa Malta, barra hekk telqu minn Indianapolis u Tennessee fl-Amerika settijiet ta' sfafar li ser jiżdiedu għall-gallarija tan-nofs. Dan il-vjaġġ ħa 5000 mil sakem waslu haw.

L-ewwel parti tal-Orgni li waslet kienet dik li tissejjaħ "Echo" wara li ġabu l-orgnaju Giuseppe Mastrovalerio stess mill-Iżvizzera. Dan l-orgni "echo" ser ikun installat fil-gallerija tal-ġenb fuq in-naħa tat-Triq Ġuze Damato, fil-fatt bħalissa diġà sab postu. Dan l-Orgni waħdu li nġieb mill-Iżvizzera fih 800 kanna li ġew immuntati fuq is-soundboard tagħhom f'diversu ringieli li jissejħu ranks.

## Il-Kontejner bl-Orgni jasal Raħal Ġdid

Fi tmiem il-ġimgħa tas-16 ta' Mejju, fil-Bażilika kien hemm għal wiri, l-akbar kanen jew sfafar tal-Orgni, sett kbir u massiv tal-Contre Bass ta' 32 pied, tul ta' aktar minn 9 metri u nofs. Dan ser ikun fil-bażi ta' ħsejjes għas-sezzjoni pedali tal-Orgni u ser ikun armat fil-gallarija l-kbira fuq il-Bieb Maġġur tal-Bażilika. Dan is-sett ser ikun flimkien ma' żewġ settijiet oħrajn li jipproduċu uħud mill-aktar tonijiet baxxi tal-orgni bi frekwenza ta' 16 Hertz. Tajjeb insemmu li orgnijiet f'Katidrali kbar ikollhom waħda jew forsi żewġ ringieli ta' kanen 32 pied. L-Orgni l-kbir tal-Bażilika tagħna ser ikollu żewġ ringieli ta' kanen 32 pied.

Dan hu proġett importanti ħafna għal Bażilika. Twaqqaf kumitat minn nies mill-Parroċċa, l-Organ Loft Group li hu ffurmat minn 8 persuni li ser jaħdmu flimkien ma esperti f'dan il-qasam biex ikollna proġett kbir u uniku għall-Bażilika tagħna. Bħalissa qed nużaw orgni elettroniku li użajnieh għal diversi snin, imma dan it-tip ta' orgni ma jserviex għal ħafna u li hemm bħal issa beda juri sinjali ta' ħsarat u biex jissewwa jkun jiswa mhux ħażin u issa, orgni tas-sfafar jekk issirlu l-mantenzjoni jservi għal ħafna snin, biex ngħidu hekk mijiet ta' snin.








*Jinħatt il-kontejner bil-partijiet tal-Orgni li wasal minn Sunderlan*

Biex ikollok Liturġija ħajja, speċjalment fil-Bażilika, l-orgni hu strument vitali, huwa importanti ħafna u jżommha ħajja. Fi żmien il-Milied kienu saru diversi laqgħat u diskussjonijiet u l-organarju Giuseppe Mastrovalerio għaddha rimarka li kien jixraq li jiġi installat orgni tas-sfafar meta daħal u ra l-Bażilika tagħna, Tempju hekk kbir u maestuż, orgni tas-sfafar hu strument li jibqa għal ġenerazzjonijiet li ġejjin.



## L-Organarju Giuseppe Mastrovalerio

Giuseppe Mastrovalerio għandu l-ħanut tax-xogħol tiegħu ġewwa Nicandro Garganico ġewwa l-Italja. Hu ser ikun qed jirrestawra diversi partijiet b'metodi tradizzjonali hemm u partijiet oħra fil-Bażilika. Giuseppe beda jdoqq l-orgni fl-eta ta' 8 snin u ta' 24 sena beda x-xogħol fuq l-orgnijiet. Sa issa huwa għamel 12-il orgni mibni ġdid u aktar minn 30 restawr maġġuri bl-akbar wieħed sa issa dak ta' Ferrara.



*Organju Giuseppe Mastrovalerio*

## Partijiet mill-Orgni għal wiri fil-Knisja Parrokkjali

Fuq il-gallarija l-oħra fuq in-naħa ta' Triq il-Knisja ser ikun hemm il-parti l-oħra tal-orgni 'Recitative' u dan iservi biex jakkumpanja l-kor, fil-fatt din il-parti qed tkun tiġi installata n-naħa fejn matul is-sena jkanta l-kor.

Minn Kattidral ġewwa l-Italja ġie akkwistat console tal-ġewż li ser iħaddem l-orgni kollu, il-manutenzjoni tiegħu qiegħda ssir hawn stess. Kif jidher, l-affarijiet mixjin b'ritmu tajjeb ħafna. Dan hu proġett enormi u mill-aktar interessanti, Ser ikun proġett li ma hawnx ieħor bħalu f'pajjiżna. 3000 kanna li jridu jiġu installati fit-tliet gallarijiet tal-Bażilika flimkien ma' soundboards, il-minfaħ, windchests u eluf ta' metri ta' cables u pajpijiet biex jikkonetjaw it-tliet gallarijiet flimkien.




*Parti mill-Orgni 'Echo' li tqiegħdet fil-gallarija tan-naħa ta' Triq Ġuze Damato*



*L-Ikbar kanna jew suffara li ser tagħmel parti mis-sett fil-gallarija prinċipali*

## Isib postu

Fl-aħħar ġimgħa ta' Mejju beda jitqiegħed f'postu partijiet mill-orgni fuq il-gallarijiet tal-Parroċċa. Tqiegħed is-soundboard (ranks) fil-gallarija tan-naħa ta' Triq Ġuze Damato u wara telha fil-gallarija prinċipali partjiet mill-orgni li ġie minn Sunderland.



*Jibda jsibu posthom is-sfafar fil-gallariji tan-naħa ta' Triq Guze Damato. Fuq din in-naħa ser tiġi installata s-sistema li msejħa "Echo"*

Dan hu xogħol li qatt ma rajna bħalu, għall-inqas f'dawn is-snin li jkun installat orgni ta' dan it-tip. Orgni tas-sfafar ilu ma jiġi installat wieħed. Wara dan ix-xogħol kollu hemm impenn kbir u diversi nies involuti. Ma nistgħux ma nsemmux u ma nurux il-gratitudni tagħna għall-għajnuna imprezzabbli tal-inġinier strutturali tal-proġett, electrcians u l-ħaddiem tal-ġebel li għamel spazju fil-gallarijiet biex joqgħodu r-ranks. Ħafna qed jagħtu ħinhom biex dan il-proġett inwassluh sat-tmiem, speċjalmet il-ħafna ħbieb tal-Bażilika li bil-ħiliet, l-imħabba u d-dedikazzjoni tagħhom qed jagħmlu dan il-proġett possibbli.

Fil-Festa ta' Corpus Christi ġie mniedi appell għal ġbir ta' fondi biex jinbena dan l-orgni ġdid tal-Bażilika. Ħafna mill-partijiet tiegħu waslu fostna u r-restawr beda. Kellu vjaġġ twil minn postijiet differenti biex jibena dan l-orgni. Inġieb mill-Ingilterra, l-Iżvizzera, l-Italja, l-Olanda u Amerika. Il-Fondi ta' dan l-orgni qed isiru taħt il-Patroċinju tal-organizta Ingliż u mużiċista rinomat Wayne Marshall OBE li daqq f'diversi swali kbar bħal Royal Albert Hall f'Londra. Hu ser ikun qed idoqq ukoll il-kunċert inawgurali fil-Bażilika s-sena d-dieħla.





*Jitqiegħed f'postu partijiet mill-Orgni fil-gallarija prinċipali*



*Wayne Marshall OBE li pjanista ta' fama kbira ser ikun qed idoqq fuq l-Orgni l-ġdid tal-Bażilika*

L-aħħar biċċa mużika li daqqet fuq l-Orgni ġewwa Sunderland qabel ma żżarma kienet Blaenwern mużika Irlandiża għal innu *Love Divine All Loves Excelling*, miktuba minn Charles Wesley. Ippjanat li fl-inawgurazzjoni tal-orgni l-ġdid fil-Bażilika tagħna b'rispett lejn il-kongregazzjoni tal-poplu ta' Sunderland dan ser ikun l-ewwel innu li jindaqq.

Issa nistennew biex lejn l-aħħar tas-sena, dan l-Orgni jsemma leħnu.

### Ftit informazzjoni Ġenerali dwar l-Orgni l-Kbir

Mibni fis-sena 1826-1827
Mibni mill-ġdid fis-sena 1937 fil-Fabbrika Nelson and Co.

### Insibu:

Madwar 3000 kanna
Ħames Sezzjonijiet: Great, Swell, Echo, Recitative u Pedal
85 Reġistru li jvarjaw minn 2 piedi sa 64 pied
2 Consoles
Piż Totali: 20 tunellata

